MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 459/2009

**Auto Sales Limited (C491)**
**vs.**
**Jose sive Joseph Grima u martu Rita Grima**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Mejju, 2009, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

i) Illi l-intimati xtraw diversi vetturi minghand is-socjeta' rikorrenti (Dok A u Dok B). Illi l-intimati ffirmaw kambjali in konnessjoni mal-ammonti dovuti (Dok C);
ii) Illi fil-5 ta' Mejju 2009 l-bilanc dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti huwa ta' euro 88505.60;
iii) Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati naqsu milli ihallsu l-ammont dovut;
iv) Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut;
v) Illi fil-fehma tal-esponent l-konvenuti ma ghandhomx difiza ghal din l-azzjoni;

vi) Illi l-esponent huwa awtorizzat mis-socjeta' li jirraprezenta biex jaghmel din id-dikjarazzjoni u jaf dawn il-fatti personalment minn ezami tad-dokumenti;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) tisma din il-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2) tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Euro 88,505.60 rapprezentanti bilanc dovut sal-5 ta' Mejju 2009;
3) tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti l-ammont ta' Euro 88,505.60 rapprezentanti bilanc dovut mill-intimati;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Lulju, 2009 li permezz tieghu iddikjarat illi l-kawza ma setghetx tinstema bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Kap. 12 u ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u pprefiggiet lill-konvenuti t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata biex jipprezentaw ir-risposta taghhom;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Philip Manduca ghas-socjeta' attrici fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2010 jikkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba attrici u tilqa t-tieni u t-tielet talba attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €88,505.60 (tmienja u tmenin elf hames mija u hames ewro u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti; bl-ispejjez u bl-imghax legali kif mitlub kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------